

32001R0653

L 91/62

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

31.3.2001

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru. 653/2001**tat-30 ta' Marzu 2001****li jistabbilixxi l-ammont massimu ta' għajna kompensatorja li jirriżulta mir-rata tal-kambju tal-lira sterlina applikabbli fil-31 ta' Diċembru 2000 u l-fl-1 ta' Jannar 2001.**

IL-KOMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2799/98 tal-15 ta' Diċembru 1998 li jistabbilixxi arranġamenti agrimonetarji għall-euro ⁽¹⁾, u b'mod partikolari Artikolu 5 tiegħu,

Billi:

- (1) Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru. 2799/98 jiddikjara li ħlas kompensatorju jista' jsir f'każijiet fejn ir-rata tal-kambju applikabbli fid-data tal-ġrajja operattiva tkun inqas minn dik preċedentement applikabbli. Madankollu, din id-dispożizzjoni mhix applikabbli għal ammonti li għalihom rata iktar baxxa mir-rata l-ġdida kienet applikabbli matul l-24 xahar li jiġu eżatt qabel ma r-rata l-ġdida daħlet fis-seħħ.
- (2) ir-rata tal-kambju għal-lira sterlina applikabbli fid-dati tal-ġrajja operattiva tal-31 ta' Diċembru 2000 u l-1 ta' Jannar 2001 kienet iktar baxxa minn daww applikabbli qabel.
- (3) il-ħlas kompensatorju għandu jsir skond il-kondizzjonijiet preskritti fir-Regolament (KE) Nru. 2799/98 u fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2808/98 tat-22 ta' Diċembru 1998 li jistabbilixxi regoli dettaljati

għall-applikazzjoni tas-sistema agrimonetarja għall-euro fl-agrikoltura ⁽²⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru. 2452/2000 ⁽³⁾.

- (4) l-ammonti tal-ħlas kompensatorju huma stabbiliti skond Artikoli 5 u 9 tar-Regolament (KE) Nru. 2799/98 u skond Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru. 2808/98.
- (5) il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni jiet tal-Kumitati tat-Tmexxija konċernati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-ammonti massimi ta' l-ewwel parti tal-ħlas kompensatorju li r-Renju Unit jista' jħallas b'riżultat tat-tnaqqis rekordjat fid-dati tal-ġrajja operattiva tal-31 ta' Diċembru 2000 u l-1 ta' Jannar 2001 fir-rata tal-kambju għal-lira sterlina mqabbla mar-rata applikabbli qabel huma elenkati fl-Anness li jinsab ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ f'is-seba' jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 30 ta' Marzu 2001.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 349, ta' l-24.12.1998, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 349, ta' l-24.12.1998, p. 36.

⁽³⁾ ĠU L 282, tat-8.11.2000, p. 9.

ANNEX

L-ammonti massimi ta' l-ewwel parti tal-ħlas kompensatorju f'miljuni ta' euros

Tip	Miżuri		Renju Unit
		Regolament	
<i>Premium</i> ta' baqar li jreddgħu	Artikolu 6(1),	Regolament (KE) Nru. 1254/1999	4,958688
<i>Premium</i> addizzjonali ta' baqar li jreddgħu	Artikolu 6(5),	Regolament (KE) Nru. 1254/1999	0,157920
<i>Premiums</i> ta' bovini maskili	Artikolu 4,	Regolament (KE) Nru. 1254/1999	5,922000
<i>Premium</i> ta' korrezzjoni statistika tal-varjazzjonijiet staġunali	Artikolu 5,	Regolament (KE) Nru. 1254/1999	0,000000
<i>Premium</i> ta' estensifikazzjoni	Artikolu 13,	Regolament (KE) Nru. 1254/1999	3,182088
Bdiewa żgħażagħ u żoni żvantaġġati	Artikoli 8 u 13,	Regolament (KE) Nru. 1257/1999	1,099518
		Regolament (KE) Nru. 950/97	1,074290
Irtirar kmieni mix-xogħol	Artikolu 10,	Regolament (KE) Nru. 1257/1999	
Agro-ambjent	Artikolu 22,	Regolament (KE) Nru. 1257/1999	1,683822
Taħwil ta' siġar	Artikolu 29,	Regolament (KE) Nru. 1257/1999	0,475734
<i>Premium</i> ta' nagħaġ u mogħoż		Regolament (KE) Nru. 872/84	6,470989
<i>Premium</i> mħallas fdaqqa dwar nagħaġ		Regolament (KEE) Nru. 1323/90	1,595146